# KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2011

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** | **1-3** |
| **IL-KUNSILL** | **4** |
| **VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** | **5-7** |
| **DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** | **8** |
| **IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI** | **9** |

## *1.0 Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali preċedenti matul l-aħħar sena ta' ħidma tiegħu. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2011.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul din is-sena, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- *Patching* bil-*cold asphalt* u bis-siment.
- Provvista u konsenja ta' erba' lanterni dekorattivi għal Triq is-Sajjied.
- Rikostruzzjoni u kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Qbajjar.
- Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*.
- Provvista u konsenja ta' lanterni dekorattivi għal Triq Santa Marija u Triq il-Forn.
- Provvista u konsenja ta' lanterni dekorattivi għal Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u Triq l-Għażżiela.

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f' Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ hu responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- L-infurzar ta' ċertu liġijiet permezz tal-Kumitat Konġunt tal-LES b' rappreżentanza tal-Kunsill.
- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb.
- Servizz ta' *bulky refuse collection.*
- Servizz ta' *skips on wheels.* (ta' min jgħid li għandna 18 il-*skip on wheels* imxerrda mal-lokalita` kollha).
- Tlett *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart, waħda fiż-Żebbuġ u tnejn f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq imwaħħla mal-bini.

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ħarġiet kulturali u soċjali għar-residenti kull xahar.
- Fuq stedina tal-Kunsill, delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ marret Tavarnella Val Di Pesa.
- Żjara f' Maletto Ġunju li għadda mis-Sindku u d-Deputat Sindku.
- Is-Sindku u d-Deputat Sindku flimkien ma' diversi Sindki u Deputati Sindki oħra pparteċipaw fi Study Visit li sar ġewwa Brussels.
- Serata karnivaleska fi Pjazza l-Assunta.
- Inbeda l-proċess biex il-librerija tal-Kunsill tmur *on line*, jiġifieri individwu mill-kumdita' tad-dar ikun jaf x' kotba hemm fil-librerija li jkun jista' jissellef. Xtrajna aktar kotba għall-librerija.

- Ilwien ir-Rebbiegħa – *weekend* mimli attivitajiet u divertiment għall-familja kollha.
- Iċċelebrat Jum iż-Żebbuġ it-28 ta' April. Din is-sena, il-premju Ġieħ iż-Żebbuġ ingħata lill-Kor Santa Marija.



## *Reviżjoni tax-Xogħlijiet (ikomplu)*

- Serata Mużiko Letterarja *ad unur* il-mejjet Dun Anton Dimech, l-ewwel persuna li mietet li kienet ingħatat il-Premju Ġieħ iż-Żebbuġ.
- Għall-festa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ organizzajna:
  - iċ-*Challenge Cup* tat-tiġrijiet tal-bhejjem
  - l-attivita' mużikali għal waqt l-iSky Fireworks Concert li sar f' lejlet il-festa
  - b' kollaborazzjoni mal-Kumitat Żebbuġ Rovers FC, attivita' soċjali bis-sehem ta' diversi kantanti
  - b' kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Filarmonika Sta Marija, kunċert mill-Banda Santa Marija fi Pjazza l-Assunta.
- Oġġezzjonajna bil-qawwa kollha mal-awtoritajiet konċernati dwar l-għeluq tal-Għassa tal-Pulizija taż-Żebbuġ. L-Għassa taż-Żebbuġ reġgħet bdiet tinfetaħ regolarment.
- Organizzajna l-Festi Pawlini ġewwa Marsalforn.
- Għall-ewwel darba, kienet organizzata l-attivita' Ġmiel il-Fatra f' Marsalforn.
- *Talent show* għat-tfal li pparteċipaw fi SkolaSajf li saret Marsalforn.
- Serata folkloristika Maltija bis-sehem tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ u ta' diversi għannejja. F' din il-lejla, sar ukoll ri-animazzjoni ta' tieġ fl-antik mill-Grupp Menhir fit-toroq ta' Marsalforn.

**XOGĦLIJIET OĦRA MILL-KUNSILL**

- Xtrajna sett *litterbins* ġodda għall-*front* ta' Marsalforn.
- Poġġejna numru ta' *litterbins* ġodda fil-*promenade* tal-Qbajjar.
- Għamilna *safety rubber mat* għas-sigurta' tat-tfal taħt il-*playhouse* tal-*playing field*.
- Waħħalna numru ta' lampi ġodda fuq talbiet li sarulna minn xi residenti.
- Installajna sett fanali ġodda fi Triq is-Sajjied. Dawn il-fanali kienu finanzjati mil-Urban Improvement Funds tal-MEPA.
- *Layout* ġdid għall-uffiċini tal-Kunsill.
- Għamilna applikazzjoni flimkien mal-Aġenzija APS biex il-Kunsill jingħata finanzjament (fondi tal-UE) għall-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar u l-i*street furniture* kollu taż-Żebbuġ. Dwar din l-applikazzjoni, għad m' għandnix risposta.
- Sar xogħol estensiv fil-bini tal-berġa – biddilna wkoll l-aperturi u għamilna *partitions* tal-aluminium.
- Għamilna bankina ta' erba' piedi matul Triq is-Sagħtrija.
- Sar xogħol ta' traqqiegħ f' diversi toroq.
- It-tiswija tal-moll tal-Bajja tax-Xwejni.
- Komplejna nipprovdu s-servizzi tal-Perit tal-Kunsill fuq il-proġett Ġnien it-Tlett Għoljiet li qed isir mill-Ministeru għal Għawdex.
- Ġiet approvata mill-Uffiċċju ta' Eko Għawdex tal-Ministeru għal Għawdex l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill biex jinksew bis-sejjieħ il-ħitan ta' Triq iż-Żebbuġ – inbeda l-proċess biex issir is-sejħa għall-offerti.
- Naddafna diversi *water culverts* fuq ir-raħal.

- Approvata l-bankina ta' quddiem il-bini tal-każin tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija, li jitwaħħal sett fanali fi Triq Dun Karm Cachia u l-kisi bit-tarmak ta' Triq iċ-Ċnus u parti minn Triq Sta Marija (fi Triq Sta Marija approvata b' € 20,000 skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali).



## *Reviżjoni tax-Xogħlijiet (ikomplu)*

- Proġett ta' kisi ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Qbajjar, proġett finanzjat mill-iskema Eko Għawdex tal-Ministeru għal Għawdex.
- Għamilna mwejjed tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn.
- Bdilna diversi *railings* li kienu spiċċuta u għadd ta' tabelli f' Marsalforn.
- Ħammilna mit-terrapien u ftaħna għall-pubbliku triq li tagħti għal Triq Lapsi.
- Ġiet aċċettata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn biex tinkesa bil-konkos triq fil-wied prinċipali ta' Marsalforn.
- Tpoġġa *bring-in site* fil-*car park* għall-użu tal-istabbilimenti ta' Marsalforn.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f' Marsalforn.

**Nicky Saliba**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

**Numru ta' Laqgħat - 23**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Il-Kav. Carmelo Saliba | 23 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Joe Bajada | 21 | 2 | |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Joseph Camilleri | 21 | 1 | 1 |
| Is-Sur Harry Debono | 14 | 9 | |
| Is-Sur Victor Refalo | 20 | 2 | 1 |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 15 | | |
| Is-Sur Carmelo Grima (Aġent Seg.) | 8 | | |

## KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

**Numru ta' Laqgħat - 16**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Chairperson | | | |
| **Is-Sinjura Maria Saliba** | **16** | | |
| **Il-Viċi Chairperson** | | | |
| **Is-Sur Emanuel Debono** | **14** | **2** | |
| **Membri** | | | |
| **Is-Sinjura Carmen Camilleri (okkupat il-kariga sat-3 ta' Frar 2011)** | **1** | **1** | |
| **Is-Sur Victor Refalo** | **11** | | |
| **Is-Sur George Sacco** | **12** | **4** | |
| **Is-Sur Joseph Zammit** | **15** | **1** | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 11 | | |
| Is-Sur Carmelo Grima (Aġent Seg.) | 5 | | |

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2011 ACTUAL € | 2011 BUDGET € | 2010 ACTUAL € | 2011 BUDGET VAR € | 2011 ACTUAL VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 433,316.65 | 404,920.00 | 439,089.76 | 28,396.65 | (5,773.11) |
| Bye-laws | 7,170.76 | 180,440.00 | 16,989.89 | (173,269.24) | (9,819.13) |
| Investiment | 1,232.04 | 1,200.00 | 1,365.17 | 32.04 | (133.13) |
| TOTAL | **441,719.45** | **586,560.00** | **457,444.82** | **(144,840.55)** | **(15,725.37)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 74,040.22 | 74,708.00 | 59,491.16 | 667.78 | (14,549.06) |
| Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | 306,286.86 | 238,390.28 | 229,392.30 | (67,896.58) | (76,894.56) |
| Infieq Kapitali | 148,290.18 | 271,440.00 | 102,679.82 | 123,149.82 | (45,610.36) |
| TOTAL | **528,617.26** | **584,538.28** | **391,563.28** | **55,921.02** | **(137,053.98)** |
| **Bilanċ** | **(86,897.81)** | **2,021.72** | **65,881.54** | **(200,761.57)** | **(152,779.35)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2011<br>ATTWALI<br>€ | 2011<br>STIMA<br>€ | 2010<br>ATTWALI<br>€ | 2011<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | 2011<br>ACTUAL<br>VAR<br>€ |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 395,920.40 | 395,920.00 | 397,484.48 | 0.40 | (1,564.08) |
| Supplimentari | | | | | |
| Bżonnijiet Speċjali | 17,375.25 | 9,000.00 | 41,050.00 | 8,375.25 | (23,674.75) |
| Entitajiet Publiċi/Governattivi | 9,721.00 | | | 9,721.00 | 9,721.00 |
| Oħrajn | 10,300.00 | | 555.28 | 10,300.00 | 9,744.72 |
| | **433,316.65** | **404,920.00** | **439,089.76** | **28,396.65** | **(5,773.11)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | 985.00 | | (985.00) |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 79.17 | | 783.68 | 79.17 | (704.51) |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 937.02 | 176,440.00 | 500.00 | (175,502.98) | 437.02 |
| Ġenerali | 6,154.57 | 4,000.00 | 14,721.21 | 2,154.57 | (8,566.64) |
| | **7,170.76** | **180,440.00** | **16,989.89** | **(173,269.24)** | **(9,819.13)** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 1,232.04 | 1,200.00 | 1,365.17 | 32.04 | (133.13) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **1,232.04** | **1,200.00** | **1,365.17** | **32.04** | **(133.13)** |
| **TOTAL** | **441,719.45** | **586,560.00** | **457,444.82** | **(144,840.55)** | **(15,725.37)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2011 ACTUAL € | 2011 BUDGET € | 2010 ACTUAL € | 2011 BUDGET VAR € | 2011 ACTUAL VAR € |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 6,363.96 | 6,364.00 | 8,923.83 | 0.04 | 2,559.87 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 51,047.08 | 52,820.00 | 38,681.04 | 1,772.92 | (12,366.04) |
| Bonus | 4,186.70 | 3,925.00 | 1,038.40 | (261.70) | (3,148.30) |
| Dħul Supplimentari | 1,700.18 | 545.00 | 484.52 | (1,155.18) | (1,215.66) |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 3,543.28 | 3,543.00 | 3,408.08 | (0.28) | (135.20) |
| 'Allowances' | 7,199.02 | 7,511.00 | 6,955.29 | 311.98 | (243.73) |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **74,040.22** | **74,708.00** | **59,491.16** | **667.78** | **(14,549.06)** |
| Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 5,846.79 | 5,940.00 | 5,115.35 | 93.21 | (731.44) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 353.77 | 1,000.00 | 582.66 | 646.23 | 228.89 |
| Tiswijiet u manutensjoni | 81,940.72 | 36,000.00 | 23,724.99 | (45,940.72) | (58,215.73) |
| Kera | 5,316.04 | 4,983.00 | 6,194.88 | (333.04) | 878.84 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 139.33 | 1,200.00 | 439.40 | 1,060.67 | 300.07 |
| Spejjes ta' l-Ufficju | 6,302.01 | 6,000.00 | 3,665.01 | (302.01) | (2,637.00) |
| Trasport | 1,282.09 | 1,000.00 | 940.90 | (282.09) | (341.19) |
| Vjaġġar/safar | 4,032.36 | 3,500.00 | (648.73) | (532.36) | (4,681.09) |
| Informazzjoni għall-Publiku | 5,645.82 | 4,500.00 | 3,761.60 | (1,145.82) | (1,884.22) |
| Servizzi b' Kuntratt | 111,275.67 | 135,767.28 | 114,901.54 | 24,491.61 | 3,625.87 |
| Servizzi Professjonali | 32,878.72 | 8,000.00 | 10,496.19 | (24,878.72) | (22,382.53) |
| Training | 60.00 | 500.00 | | 440.00 | (60.00) |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 48,617.21 | 28,000.00 | 58,965.64 | (20,617.21) | 10,348.43 |
| Spejjes Inċidentali | 2,596.33 | 2,000.00 | 1,252.87 | (596.33) | (1,343.46) |
| | **306,286.86** | **238,390.28** | **229,392.30** | **(67,896.58)** | **(76,894.56)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' propjeta | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 58,726.98 | 20,000.00 | 33,633.68 | (38,726.98) | (25,093.30) |
| Makkinarju u Apparat | 632.00 | | 869.70 | (632.00) | 237.70 |
| Proġetti Speċjali | 88,931.20 | 251,440.00 | 68176.44 | 162,508.80 | (20,754.76) |
| | **148,290.18** | **271,440.00** | **102,679.82** | **123,149.82** | **(45,610.36)** |
| **TOTAL** | **528,617.26** | **584,538.28** | **391,563.28** | **55,921.02** | **(137,053.98)** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### Kont APS Bank 'Savings' 12531113011

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 210,231.31 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 3,168.90 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | (21,072.11) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **192,328.10** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2011** | 192,328.10 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2011 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2011 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **192,328.10** |

**Kont APS Bank Kurrenti 12531130017**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 18,478.24 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 21,072.11 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (29,550.35) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **10,000** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2011** | 10,000 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2011 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2011 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **10,000** |